MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 543/2001/1

**George Camilleri**

**vs**

**George Bonello**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur fl-4 ta' April, 2001, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

Fl-1983 gie assenjat lill-attur mid-defunt Guzeppi Bonello, missier u awtur tal-konvenut, d-dritt ta' uzu u thaddim tal-ghalqa maghrufa bhala *"Tan-Nicca"* f'San Gwakkin, limiti ta' Hal Qormi u dan versu l-hlas ta' mitt lira Maltin (Lm100);

Xi snin wara Philip Bonello, hu l-konvenut bi ftehim ma' attur, beda jahdem nofs l-imsemmija ghalqa wara li rrifonda lill-attur nofs il-valur tal-hlas li l-attur kien ghadda lid-defunt Guzeppi Bonello, kif fuq spjegat, u *cioe'* hamsin lira Maltin (Lm50);

Ghall-habta ta' Marzu, 1994 il-konvenut li allura f'dak iz-zmien kien qieghed jahdem dik il-parti ta' l-ghalqa li kienet ghaddiet lill-Philip Bonello, inblokka bil-gebel l-uniku access ghal dik il-parti ta' l-ghalqa mahduma mill-attur b'mod illi l-attur ma setax jidhol fl-ghalqa u jkompli jahdimha;

Sussegwentement l-konvenut dahal u okkupa dik il-parti rimanenti ta' l-ghalqa li kienet tigi uzata u mahduma u tinsab fil-pussess ta' l-attur skond il-ftehim fuq riferit;

L-attur talab lill-konvenut permezz ta' diversi ittri sabiex jinghata lura l-pussess ta' dik il-parti mill-ghalqa li kienet tigi uzata u mahduma minnu barra li ma jostakolahx bl-ebda mod fl-uzu tal-passagg u access fuq dik il-parti ta' l-istess ghalqa li kienet issa tinsab fil-pussess tal-konvenut, izda l-konvenut baqa' inadempjenti.

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. tikkundannah sabiex jirreintegra lill-attur fil-pussess ta' dik in-nofs ta' l-ghalqa maghrufa bhala *"Tan-Nicca"* f'San Gwakkin, limiti ta' Hal Qormi u fil-pussess tad-dritt ta' access u passagg minn fuq dik il-parti fin-nofs l-iehor ta' l-ghalqa uzata, mahduma u fil-pussess tal-konvenut.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li jinsab ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li *in forza* taghha huwa eccepixxa illi:

It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-pussess li l-attur kien igawdi snin ilu kien ottenut b'titolu

prekarju u hu (l-attur) kien dejjem pussessur *'in mala fede'*.

Sussidjarjament u bla pregudizzju, l-azzjoni attrici hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 534 tal-Kodici Civili.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tad-29 ta' Ottubru, 2002, li *in forza* tieghu l-Qorti ordnat li jigu allegati ma' din il-kawza l-process tal-kawza fl-istess ismijiet (citazzjoni numru 704/94) deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998;

Rat l-atti tal-process fuq indikat;

Rat in-nota ippresentata mill-attur fit-23 ta' Jannar, 2004, li fiha ddikjara illi l-azzjoni intentata minnu hija azzjoni possessaria ta' manutenzjoni u reintegrazzjoni fil-pussess ta' proprjeta' (*ius possessionis)*, distinta minn azzjoni *a tutela* tad-dritt ta' proprjeta' (*uis possidendi*).

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Il-kwistjoni meritu tal-kawza tikkoncerna ghalqa maghrufa bhala *"tan-Nicca"*, f'San Gwakkin, limiti ta' Hal Qormi. Din l-ghalqa kienet fil-pussess ta' Guzeppi Bonello u kienet fil-fatt registrata fuq ismu mad-dipartiment tal-agrikoltura gewwa l-Ghammieri. Skond l-attur, waqt li dan Guzeppi Bonello kien ghadu haj, dan Guzeppi Bonello kien offra l-ghalqa lill-attur biex jahdima hu; l-attur accetta, ghadda Lm100 lil Guzeppi Bonello, u beda jahdem l-ghalqa hu.

Wara xi zmien, iben Guzeppi, Philip Bonello, talab lill-attur ihallih jahdem parti mill-ghalqa. Peress li l-ghalqa kienet tikkonsisti f'zewgt hbula, l-attur ippermetta lill-Philip Bonello jahdem f'parti mill-ghalqa, u ghal dan Philip Bonello ta' Lm50 lill-attur. Dejjem skond l-attur, hu baqa' jahdem habel wiehed sakemm dahal il-konvenut George Bonello *in xena*, iben iehor ta' Guzeppi Bonello, u qallu li hu kellu jitlaq mill-ghalqa ghax ma kellux dritt juzaha. Dan George Bonello ghalaqlu l-access li l-attur kellu ghal-ghalqa li hu kien jahdem; l-attur ghamel kawza ta' spoll, izda l-kawza giet decisa kontra tieghu fl-appell.

It-tesi tal-konvenut hi li l-attur, li jrabbi l-baqar, kien jithalla min missieru u min huh, ipoggi d-demel f'parti wahda mill-ghalqa, u huh Philip kien, fis-sajf, jahrat l-ghalqa kollha bid-demel. Meta l-ghalqa kollha giet f'idejn il-konvenut, hu ippartecipa fi skema tal-Gvern biex l-ghalqa juzha ghat-twahil ta' dwieli, u, ghalhekk, qal lill-attur biex ma jkomplix jitfa' demel fl-ghalqa. L-attur, ma riedx u, ghalhekk, il-konvenut ghalqlu l-access li kien juza l-attur, u beda juza l-ghalqa kollha ghad-dwieli.

Minn ezami tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998, fil-kawza tal-ispoll bejn l-istess partijiet, jirrizulta li, bhala fatt, iz-zewg partijiet kienu fid-dgawdija tal-proprjeta' rispettiva. Fil-fatt, f'parti mis-sentenza, inghad hekk:

*"Il-provi prodotti mill-kontendenti jistabilixxu bla ebda dubju illi fis-27 ta' Marzu, 1994, kien il-konvenut li fl-ewwel lok kellu pussess materjali tal-jedd li l-proprjeta' minnu detenuta ma tkun soggetta ghal ebda dritt ta' access jew passagg minn proprjeta' detenuta mill-attur"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fil-fatt, l-attur kien tilef dik il-kawza ta' spoll, mhux ghax hu ma kellux il-pussess jew id-detenzjoni tal-art, izda ghax dak li ghamel il-konvenut gie meqjus bhala reazzjoni tempestiva biex jirrivendika l-pussess tieghu *in forza* tal-principju *vim vi ripellere licet*.

Darba, allura, li gie stabbilit li l-attur kellu xi forma ta' pussess tal-art *in kwistjoni*, irid issa jigi stabbilit x'tip ta' pussess irid ikun jezisti biex wiehed jirnexxi bl-azioni *manutensionis*, u x'tip ta' pussess l-attur kellu.

L-azjoni ta' manutenzjoni hi kontemplata fl-artikolu 534 tal-Kodici Civili li jipprovdi:

*"Kull min, waqt li jinsab fil-pussess, ta' liema xorta jkun, ta' haga immobbli, jew ta' universalita' ta' hwejjeg mobbli, jigi mmolestat f'dak il-pussess, jista', fi zmien sena mill-molestja, jitlob li jinzamm f'dak il-pussess, basta li ma jkunx ha b'idejh dak il-pussess minghand il-konvenut bi vjolenza jew bil-mohbi, jew ma jkunx kiseb minghandu dak il-pussess b'titolu prekarju"*.

Dwar l-element ta' *"pussess"*, din giet studjata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Vella vs Boldarini", decisa fl-24 ta' Frar, 1967.  F'dik il-kawza, l-Onorabbli Qorti tat interpretazzjoni wiesgha tar-rekwizit tal-pussess, u osservat li fis-sistema tal-ligi taghna, l-vizzju tal-prekarjeta, jeskludi l-azzjoni biss meta jkun fil-konfront tal-konvenut, u osservat li dan jirrizulta car mill-kliem *"minghandu"* fl-ahhar tal-artikolu.  Dik l-Onorabbli Qorti qalet ukoll li dik kienet l-intenzjoni cara tal-legislatur kif jirrizulta min-noti ta' Sir Adrian Dingli dwar dan l-artikolu stess li jghamlu enfasi fuq is-sopressjoni tal-kelma *"legittimu"* li kienet tinsab fil-kodici taljan relattivament ghall-pussess manutenibbli.

Qabel ma inghatat din is-sentenza, il-gurisprudenza lokali kienet kontrarja, u kien jinghad li biex wiehed jirnexxi bl-*actio manutenionis* irid jipprova pussess *animo domini* fis-sens tal-artikolu 524(1) tal-Kodici Civili.  Hekk, fil-kawza "Bonello Micallef vs Parnis England", decisa min din il-Qorti fid-9 ta' Mejju, 1957, il-Qorti ddikjarat li:

*"il-pussess, skond l-interpretazzjoni kostanti tal-Qrati Taghna, jikkomprendi biss il-pussess kif definit mill-legislatur fl-art. 561 tal-Kodici citat, jigifieri d-detenzjoni ta' haga 'animo domini' (Kollezz. XXVII.I.622; u XXXIII.II.198);  Illi 'ex admissis' l-attrici hija ko-inkwilina*

*tal-fond in kwistjoni, u ghalhekk ma tistax tezercita l-azzjoni llum minnha esperita".*

Fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Arrigo vs Anastasi", decisa fit-3 ta' Gunju, 1959, iddistingwit bejn l-azzjoni kontemplata fl-artikolu 534 tal-Kodici Civili, u l-azzjoni li tispetta lill-inkwilin.  Hi osservat:

*"hu manifest li l-azzjoni esperita mill-attur mhix dik li tohrog mid-dispozizzjoni tal-ligi riferita, li hija moghtija biss fis-sens proprju u strett ta' detenzjoni 'cum animo domini'; u dan ghaliex l-attur ma ghandux, u lanqas ma jippretendi li ghandu, pussess simili, u ma bbazax l-azzjoni fuq dak il-pussess, imma fuq id-dritt li l-ligi taghti lill-inkwilin li jagixxi kontra t-terz li ghemilu jkun immolestah fid-dgawdija tal-haga li tkun giet lilu lokata.  Fl-ghemil tat-terz konvenut, deskritt fl-att tac-citazzjoni, l-attur jirravviza molestija; u billi, kif huwa jallega, din mhix molestja ta' dritt, qieghed jagixxi f'ismu nnifsu kontra l-istess konvenut in bazi ghad-dispozizzjoni kontenuta fl-art. 1639 tal-istess Kodici citat, li tipprovdi fis-sens li sid il-kera mhux obligat jaghmel tajjeb lill-kerrej ghall-molestja li terzi persuni b'ghemilhom jikkagunaw lill-inkwilin fid-dgawdija tal-haga, meta dawn il-persuni ma jkunux jippretendu xi jedd fuq il-haga mikrija, bla hsara tal-jedd tal-kerrej li jagixxi kontra dawk il-persuni f'ismu nnifsu"*.

Hekk ukoll fil-kawza "Mamo vs Camilleri", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-23 ta' Marzu, 1962, rega' intqal li l-azzjoni kontemplata fl-artikolu 534 ma tispettax lill-inkwilin, izda lil min hu pussessur skond kif definit fl-istess ligi:

*"L-azzjoni ezercitata lanqas tista' tkun dik ta' manutenzjoni fil-pussess kontemplata fl-art. 571; ghas-semplici raguni illi l-attur hu biss kerrej tal-fond, cjoe' semplici detentur, mentri dik l-azzjoni tikkompete biss lil min hu possessor fis-sens veru tal-art. 561(1) tal-imsemmi Kodici (Vol. XXVII.I.622)"*

Recentement, il-posizzjoni regghet giet studjata minn din il-Qorti (Onor. G. Caruana Demajo) fil-kawza "Aquilina vs

Aquilina", decisa fit-8 ta' Frar, 1996. Din il-Qorti ma qablitx ma l-interpretazzjoni moghti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Vella vs Boldarini", u qalet li min m'ghandux pussess *ancorche' "ta' liema xorta jkun"*(ie. ukoll *in mala fede*), ma jistax jipproponi l-*actio manutentianis*. Ghalhekk, inkwilin, li ghandu biss *causa detentionis*, m'ghandux din l-azzjoni. Il-Qorti osservat li *"titolu prekarju"* fis-sistema Malti ghandha tifsira cara fl-artikolu 1839 tal-Kodici Civili, u, ghalhekk, m'ghandhiex tigi interpretata skond id-duttrina franciza (kif ghamlet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Vella vs Boldarini") fejn ghandha signifikat ta' *"ogni detenzione in nome altrui"*.

Din l-ahhar posizzjoni, tidher, li qed tigi segwita mill-Qrati taghna. Fil-kawza "Mamo vs Galea", decisa minn din il-Qorti (Onor. P. Sciberras) fit-18 ta' Frar, 2004, intqal:

*"Issa l-pussess tutelabbli li jillegittima l-azzjoni hu dak definit fl-Artikolu 524 (1) tal-Kapitolu 16. Pussess li allura ghandu jkun b'rekwizit il-karattru tal-pussess ad usucapionem, ossija l-pussess pacifiku, kontinwu, pubbliku u ininterrott. "Pussess li kellu jfisser bhala minimu detenzjoni ta' haga animo domini. Kien ghalhekk li jinsab ritenut illi azzjoni ta' din ix-xorta ma tistax tigi ezercitata minn persuna li kienet, per ezempju, semplici inkwilina tal-fond li fih tkun saret il-molestja li tkun trid tigi respinta b'dik l-azzjoni"* (Vol. XLI PII p 1005; Vol. XXXIII P II p 198)*".*

Hekk ukoll fil-kawza "Borg vs Cachia Zammit", decisa minn din il-Qorti (Onor. D. Scicluna) fit-8 ta' Ottubru, 2004, gie osservat illi:

*"Issa huwa veru li l-artikolu 534 tal-Kodici Civili jipprovdi li l-azzjoni ta' manutenzjoni jista' jressaqha min "jinsab fil-pussess … ta' haga immobbli" u li dan il-pussess jista' jkun "ta' liema xorta jkun"; izda dan ma jfissirx li d-detenzjoni hija bizzejjed ghax detenzjoni mhijiex pussess. Kemm "pussess ta' liema xorta jkun" ma jinkludix ukoll id-detenzjoni jidher aktar car mill-artikolu ta' wara (l-artikolu 535) dwar l-azzjoni ta' spoll li, kontra dak li jipprovdi l-*

*artikolu 534, isemmi kemm il-"pussess ta' liema xorta jkun" kif ukoll "id-detenzjoni" biex juri li l-azzjoni ta' spoll jista' jressaqha wkoll id-detentur. Ghalhekk l-attur ma setax jipprocedi kontra l-konvenuti ai termini ta' l-artikolu 534 tal-Kodici Civili izda kellu semmai rimedji alternattivi kontemplati mill-istess ligi"*.

Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament, u tqies li l-*actio manutensionis* tista' tigi ezercitata biss min min ikollu *"pussess"*, fis-sens tal-ligi, tal-proprjeta' *in kwistjoni*.

Issa, f'dan il-kaz, ghalkemm l-attur seta' kellu d-detenzjoni tal-ghalqa, ma jirrizultax li hu kellu pussess *amino domini*. L-attur ha t-tgawdija tal-ghalqa minghand missier il-konvenut; hu kien jaf li l-ghalqa ma kienetx ta' missier il-konvenut, izda dan ghaddhielu biex ikun jista' jahdima. L-ghalqa, *pero'*, baqghet registrata fl-Ghammieri fuq isem missier il-konvenut, u wara l-mewt ta' dan, daret u giet registrata fuq isem il-konvenut. Meta l-attur xehed fil-kawza ta' spoll, qal li missier il-konvenut kien qallu li ried iwelli l-ghalqa, u hadha minghandu. L-attur stqarr ukoll li meta sar jaf li l-art kienet ta' kumpanija ta' Angelo Xuereb, mar ikellmu u staqsih jekk jistax ikompli jahdima. Dan wiegbu li ma riedx qbiela, izda ghalissa seta jkompli jahdima. L-attur, allura, mhux qed jokkupa l-art *"ghalih innifsu"*, izda f'isem haddiehor; hu jirrikonoxxi t-titolu ta' haddiehor ta' proprjeta' fuq l-art *in kwistjoni*. It-titolu tieghu jista' jkun ta' lokazzjoni, ta' kommodat, jew prekarju, *pero'*, f'kull kaz, mhux wiehed ta' pussess, u min m'ghandux pussess ma jistax jipproponi l-*actio manutentionis*.

L-awtur Taljan <u>Alberto Trabucchi</u> (*"Istituzione di Diritto Civile"* CEDAM 1999) jiccita l-artikolu relattiv mil-ligi Taljana li jirrizulta simili ghal dak fit-test Malti: *"Il possesso e' definito dall'art 1140 come un potere sulla cosa che si manifesta in un'attivita' corrrispondente all'esercizio del diritto di proprieta' o di un altro diritto reale"* (pagna 455). Imbaghad ikompli jispjega d-distinzjoni bejn pussess u detenzjoni abbazi ta' l-*animus*; *"E' l'animus, dicevamo, che distingue le due figure del possessore e del detentore, mentre l'uno e l'altro*

*appaiono in un uguale rapporto di fatto con la cosa. Si ha detenzione quando manca l'animus di esercitare la proprieta' o altro diritto sulla cosa. Nella posizione del detentore rispetto alla cosa esiste l'implicito riconoscimento di una preminente posizione altrui, e in qualche caso di una propria dipendenza da quella … Si avra' detenzione e non possesso in chi tiene la cosa …d) nell'interesse proprio del detentore per esercitare un diritto personale sopra la cosa altrui (conduttore della cosa avuta in locazione, comodatario, ecc)".*

Francesco Galgano (*"Diritto Privato", CEDAM, 1988)* ukoll jenfasizza l-importanza ta' l-*animus* meta jghid *"Occorre, per essere possessore, l'animo o intenzione di possedere (per i romani:* animus possidendi), *ossia l'intenzione di comportarsi come proprietario della cosa … Non e', invece, possessore chi detenga la cosa per un titolo (ad esempio, per contratto di locazione, o di affitto o di noleggio) che implichi riconoscimento dell'altruita' della cosa" (pagna 130)".*

Ukoll Andrea Torrente u Piero Schlesinger (*"Manuele di Diritto Privato" Giuffre', 1985)* jaqblu li l-*animus* hu dak li jiddistingwi pussess minn detenzjoni *(pagna 387)* u jghidu: *"La detenzione – che e' la situazione possessoria base – consiste nell'avere la disponibilita' di una cosa, ossia nell'avere la possibilita' di utizzarla (corpus) tutte le volte che si voglia, senza bisogno di superare ostacoli seri e duraturi, pur riconoscendo (animus detinendi) che essa e' di altri, cui si deve render conto dell'uso del bene (cosi', ad es., detentori sono il conduttore, il commodatario, ecc.)"*

L-attur ma weriex li hu kellu dan it-tip ta' pussess u, *kwindi*, l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi, wara li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talbiet tal-attur.

L-ispejjes tal-kawza jithallsu kollha mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------